# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 22 ta' Ġunju 2022**

**Talba numru 117/2022SFJ**

**STAIRS INDEPENDENT LIMITED (C90761)**
**VS.**
**CARMELA GILMOUR (839840M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fis-27 ta' April 2022 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li l-konvenuta tkun ikkundannata tħallasha s-somma ta' elf u seba' mija u sebgħin Ewro (€1,770.00);

Ra l-affidavit u d-dokumentazzjoni annessi mal-Avviż tat-Talba;

Ra li l-konvenuta ġiet innotifikata fl-14 ta' Mejju 2022;

Ra li permezz ta' nota ppreżentata fl-20 ta' Mejju 2022, il-konvenuta ammettiet it-talba attriċi;

Ra n-nota tal-konvenuta li permezz tagħha esebiet kopja taċ-ċekk li bih ħallset is-sorte lis-soċjetà attriċi u ordnat it-taxxa tal-kawża *come* ammessa sabiex isir il-ħlas tal-ispejjeż u d-drittijiet;

Ra l-provi, ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-22 ta' Ġunju 2022.

**<u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

Stante li l-konvenuta ammettiet it-talba mingħajr riżerva, m'hemm ebda bżonn li ssir analiżi tal-fatti tal-kawża.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li qara d-dokumentazzjoni kollha, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' elf u seba' mija u sebgħin Ewro (€1,770.00) bl-imgħax li għandu jiġi kkalkulat b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, dekorribbli mill-ftuħ ta' din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**